

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Hanne, sussegwentement A. Söder u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Deichmann SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Onken, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Settembru 2016 (Każ R 2030/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deichmann u Vans.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vans, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 22, 23.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2018 – Deichmann vs EUIPO – Vans (V)

(Kawża T-848/16) (¹)

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea V — Trade marks figurattivi internazzjonali preċedenti V — Prova tal-eżistenza, tal-validità u tal-portata tal-protezzjoni ta' trade mark preċedenti rreġistrata — Regola 19(2)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 [li sar l-Artikolu 7(2)(a)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625]”

(2019/C 72/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deichmann SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Onken, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vans, Inc. (Cypress, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Hirsch, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-20 ta' Settembru 2016 (Każ R 2129/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deichmann u Vans.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-20 ta' Settembru 2016 (Każ R 2129/2015-4) hija annullata.

- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti minn Deichmann SE.
- 3) Vans., Inc. għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 6.2.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Groupe Canal + vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-873/16) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Distribuzzjoni televiżiva — Deċiżjoni li tirrendi vinkolanti l-impenji — Esklużività territorjali — Evalwazzjoni preliminari — Assenjazzjoni ta' drittijiet kuntrattwali ta' partijiet terzi — Proporzjonalità”)

(2019/C 72/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Groupe Canal + SA (Issy-les-Moulineaux, Franza) (rappreżentanti: P. Wilhelm, P. Gassenbach u O. de Juvigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Dawes, C. Urraca Caviedes u L. Wildpanner, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: D. Colas, J. Bousin, E. de Moustier u P. Dodeller, aġenti); Union des producteurs de cinéma (UPC) (Pariġi, Franza) (rappreżentant: É. Lauvaux, avukat); C More Entertainment AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentanti: L. Johansson u A. Acevedo, avukati); u European Film Agency Directors – EFADs (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: O. Sasserath, avukat)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Bureau européen des unions de consommateurs (BEUC) (Brussell) (rappreżentant: A. Fratini, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2016 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40023 – Access transkonfinali għal televiżjoni bi ħlas) li taġmel legalment vinkolanti l-impenji offruti minn Paramount Pictures International Ltd u Viacom Inc., fil-qafas ta' ftehim ta' liċenzja dwar kontenut awdjoviżiv li huma kkonkludew ma' Sky UK Ltd u Sky plc

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Canal + SA, minbarra li għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess, tħallas l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, esklużi dawk relatati mal-intervent tar-Repubblika Franċiża, id-Diretturi tal-Aġenzija Ewropea tal-Films – EFADs, Produtturi tal-Films (UPC) u C More Entertainment AB, u l-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC).
- 3) Ir-Repubblika Franċiża, EFADs, UPC u C More Entertainment għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni marbuta mal-intervent tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 6.2.2017.